Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell 125/2014

**Roberta Schembri**

**Vs**

**Joseph Buhagiar, Michael Buhagiar, Raymond Buhagiar u Neil Buhagiar**

26 ta' Jannar, 2018.

1. Permezz ta' avviz tat-talba prezentat fit-28 ta' Frar 2014, l-attrici talbet lit-Tribunal Ghal Talbiet Zghar sabiex:

   *"i. Jiddikjara illi l-intimati huma responsabbli ghad-danni sofferti mill-attrici konsegwenza ta' diesel ikkontaminat fornut minnhom;*

   *ii. Jiddikjara li l-attrici sofriet danni rapprezentanti hsarat fil-vettura bit-targa ta' registrazzjoni 'KBN-142' fl-ammont ta' tlett elef u sitta u sittin ewro u tletin centezmu (€3,066.30);*

   *iii. Jikkundanna lill-konvenuti intimati jhallsu lill-attur is-somma ta' tlett elef u sitta u sittin ewro u tletin centezmu (€3,066.30) in linea ta' danni."*

2. Il-konvenuti wiegbu (fol. 6):-

   *"i. Illi preliminarjament l-intimati ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju stante li ma hemm l-ebda relazzjoni guridika bejn l-intimati u l-attrici;*

   *ii. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjoni precedenti u sussegwenti t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-fuel mibjugh mill-intimati dejjem kien konformi mal-ispecifikazzjonijiet stabbiliti fir-regolamenti dwar il-kwalita' tal-karburanti;*

   *iii. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti u sussegwenti l-intimati ma humiex responsabbli bl-ebda mod ghad-danni li allegatament gew sofferti mill-attrici;*

   *iv. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez."*

3. B'sentenza tat-13 ta' Ottubru, 2015, it-Tribunal Ghal Talbiet Zghar iddecieda:

   *"Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi filwaqt li jichad l-ewwel eccezzjoni tal-intimati dwar in-nuqqas ta' relazzjoni guridika bejnhom u bejn ir-rikorrenti, jilqa' l-kumplament ta' l-eccezzjonijiet u konsegwentement jichad it-talba tar-rikorrenti. L-ispejjez, ghajr dawk ta' l-ewwel eccezzjoni, ghandhom jithallsu kollha mir-rikorrenti."*

4. Fit-2 ta' Ottubru, 2015 l-attrici appellat mis-sentenza u lmentat:

   *"..... l-ewwel qorti ma afferratx kif jixraq il-provi prodotti u konsegwentement ghamlet valutazzjoni kemm fattwali u kemm legali errata taghhom. Inoltre, l-qorti tal-ewwel grad wettqet apprezzament zbilancjat tal-fatti kif lilha mressqa mill-partijiet u wkoll interpretat hazin certu aspetti tal-kawza. Mis-sentenza appellata li nghatat, jidher li l-ewwel qorti sorvolat parti essenzjali mit-tezi tal-appellanti u cioe' illi hija sofriet hsarat fil-vettura taghha ezattament wara illi mliet l-istess vettura bil-fuel minghand il-konvenuti".*

5. Fit-23 ta' Novembru 2015 il-konvenuti wiegbu fejn taw ir-ragunijiet ghalfejn l-appell ghandu jigi michud. Fl-istess waqt ipprezentaw appell incidentali minhabba li t-Tribunal kien cahad l-ewwel eccezzjoni. L-ilment taghhom hu li mill-provi kien irrizulta li d-diesel kien inxtara minn Daniel Schembri u li d-danni ma sofrithomx l-attrici izda Daniel Schembri tant li kien hu li hallas ghat-tiswija.

6. Il-qorti semghet it-trattazzjoni u rat l-atti.

7. L-attrici kienet qeghda ssostni li:

   i. Hi s-sid tal-vettura Toyota Avensis bin-numru KBN 142;
   ii. Fis-26 ta' Lulju, 2012 il-vettura nghatat diesel minghand *Lourdes Service Station*, li wara rrizulta li kien kontaminat;
   iii. Il-vettura sofriet hsara fl-ammont ta' €3,066.30.

   Hu ghalhekk evidenti li sabiex l-attrici tirnexxi fil-kawza li pproponiet, kellha taghti prova li d-*diesel* li nxtara minghand *Lourdes Service Station* kien kontaminat.

8. Ghal dak li jirrigwarda appell minn apprezzament tal-provi, il-qorti tirreferi ghall-guriprudenza:

   - **Joseph Cini v. George Wells** (15 ta' Novembru, 2004) Qorti tal-Appell (Superjuri): *"Huwa principju bazilari segwit minn din il-Qorti ta' revizjoni li fejn si tratta ta' apprezzament u evalwazzjoni ta' provi ta' fatt din il-Qorti*

*qatt ma tiddisturba leggerment apprezzament tal-provi li jkun sar mill-ewwel Qorti* ***sakemm ma jkunx hemm ragunijiet gravi u serji bizzejjed li jissuggerixxu mod iehor****";*

- **Isabelle Borg et vs Robert Galea et** deciza mill-Qorti tal-Appell (Superjuri) fit-3 ta' Marzu, 2011: *"Huwa appena necessarju li tigi mfakkra l-gurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti in materja fis-sens li hija ma tiddisturbax l-apprezzament li tkun ghamlet l-ewwel Qorti tal-provi migjuba quddiemha jekk mhux ghal ragunijiet validi wara li din il-Qorti tkun ezaminat il-provi u l-ligi applikabbli u tikkonkludi li l-ewwel Qorti ma setghetx legalment jew ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha."*

- **Dr Adrian's Garden's Centre Co. Limited vs AX Construction Limited,** deciza mill-Qorti tal-Appell (Superjuri) fl-4 ta' Lulju, 2008: *"Il-Qorti tal-Appell, bhala Qorti ta' revizjoni, ma tindahalx in linea ta' massima, fl-ezercizzju tad-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti hlief meta jkun manifestament ezercitat hazin, jew ghal xi motiv iehor gravi u f'materja ta' rilevanza jew superfluwita ta' xhieda.* ***Qorti tat-tieni grad bhala regola ma tiddisturbax ir-ragunament tal-ewwel tribunal, jekk mhux ghal motivi gravi****"*[1].

9. Wara li l-qorti qrat l-atti tosserva:

    i. Jirrizulta li ma sar l-ebda test xjentifiku fuq id-diesel li Daniel Schembri xtara minghand *Lourdes Service Station*. Dan minkejja li kieku ried, u hekk messu ghamel, kellu kull opportunita li jaghmel tali verifiki. Test li bla dubju kien jaghti taghrif car dwar jekk kienx kontaminat id-diesel li Daniel Schembri xtara minghand il-konvenuti. Sahansitra f'ittra ufficjali prezentata fl-10 ta' Mejju, 2013 l-intimati nfurmaw lill-attrici, "*.... illi huma ghandhom kampjuni tad-diesel tal-perjodu li fih allegatament inti jew terzi persuni akkwistajtu diesel minghandhom, u jekk trid u a spejjez tieghek tista' tinkariga persuni professjonali sabiex jezaminaw l-istess"*. Evidentement l-attrici ma laqatx l-istedina tal-konvenuti u fil-fatt fit-28 ta' Frar, 2014 ipprezentat il-kawza.

    ii. Hu minnu li Daniel Schembri xehed li dakinhar stess li xtara d-diesel minghand *Lourdes Services Station* il-vettura tatu l-problemi. Madankollu din m'hijiex xi prova inkonfutabbli li d-diesel kien kontaminat.

[1] Sentenza li saret riferenza ghaliha fis-sentenza **Mattia Preti Limited vs Charmaine Azzopardi**, tal-istess qorti tas-27 ta' Mejju, 2016.

iii. Hu minnu li Joseph Buhagiar kien, wara li nqala' l-kaz, ta lil Daniel Schembri prodott u qallu biex izidu mad-diesel. Pero' b'daqshekk ma jfissirx li din tista' tiftiehem bhala ammissjoni li d-diesel kien kontaminat. Hu ferm improbabbli li Joseph Buhagiar kien ser jammetti xi responsabbilta meta tqies li m'hemmx prova li kien sar test xjentifiku li kkonferma li d-diesel kien kontaminat.

iv. Mark Zammit kien il-mekkanik li jidher li hadem fuq il-vettura wara li Daniel Schembri xtara d-diesel minghand il-konvenuti. Pero' ma tressaqx bhala xhud. Hu fatt li fit-Tribunal ghal Talbiet Zghar m'hemmx il-htiega tal-ahjar prova. Pero' hu minnu wkoll li in vista tan-natura teknika tal-kaz, Zammit kien xhud ferm rilevanti ghal dak li qeghda tallega l-attrici. Ricevuta fiskali (fol. 20) m'hijiex prova li d-diesel kien kontaminat.

v. M'hemmx prova li fl-istess zmien li Daniel Schembri xtara d-diesel, terzi persuni lmentaw dwar il-kwalita tad-diesel li xtraw minghand il-konvenuti. Joseph Buhagiar xehed li ma kienx hemm ilmenti ohra. F'dan ir-rigward hu wkoll rilevanti dak li xehed Joseph Falzon ta' Falzon Fuel Services Limited, wahda mis-*suppliers* ta' *Lourdes Service Station* (fol. 72-73).Fuq bazi ta' probabbilta jekk id-diesel li kien qieghed jinbiegh minghand *Lourdes Service Station* kien kontaminat, haddiehor kien jilmenta dwar il-kwalita' tad-diesel meta tqies il-kwantita kbira ta' fuel li jkun hemm fit-tank li fih jinhazen.

vi. Mario Buhagiar, impjegat ta' Michael Debono Limited, ikkonferma li *"… t-Toyota Avensis li kienet giet ghandna kellha l-injectors out of range u li kawza ta' hekk ma kinitx qeghda tistartja l-karozza, dan gie kkawzat minn fuel ikkontaminat fit-tank tad-diesel tat-Toyota Avensis"*. Pero' xehed ukoll, *"Meta ahna bdejna nifthu l-affarijiet minn gol-karozza stajna nindunaw li l-kulur tal-fuel kien differenti"*. Pero' jirrizulta li qabel il-vettura ddahhlet ghand Michael Debono Limited, Daniel Schembri kien xtara diesel minghand pompa tal-petrol fil-Gharghur (4 ta' Awissu, 2012, fol. 24). Inoltre, Daniel Schembri xehed li Mark Zammit kien nehha d-diesel li kien xtara minghand *Lourdes Service Station*. Fl-invoice mahrug minn Michael Debono Limited jinghad, *"Diagnostics/Fault finding – Contaminated fuel was given to vehicle. This was flushed and given correct fuel but car is still not working fine"* (fol. 27). Pero rrizulta li meta meta l-vettura ddahhlet fil-garaxx ta' Michael Debono Limited, ma kienx fiha diesel li nxtara minghand *Lourdes Service Station* u li l-attrici qeghda ssostni li kien kontaminat. Ghalhekk id-diesel li tnehha mill-vettura meta kienet fil-garaxx ta' Michael Debono Limited, ma kienx diesel li nxtara minghand *Lourdes Service Station*.

vii. Fit-13 ta' Awissu, 2012 kienu ttiehdu samples ta' *fuel* minn *Lourdes Service Station*. Anthony Rizzo, kap ezekuttiv tal-Awtorita ta' Malta dwar ir-Rizorsi; *"Mistoqsi jekk kien hemm xi lmenti ghar-rigward ta' Lourdes Service Station gewwa Haz-Zabbar fuq kontaminazzjoni ta' fuel nghid illi lill-Awtorita' minni rapprezentata ma rrizultalha xejn f'dan ir-rigward… Fit-tletta (13) t'Awissu, elfejn u tnax (2012) ahna konna hadna sample minn din il-petrol station u skont ir-records taghna li qed nezebixxi kopja taghhom, huwa li ma rrizulta l-ebda kontaminazzjoni"* (fol. 60). Sample li mid-dokumenti jirrizulta li ttiehdu mill-erba' tankijiet tal-fuel li hemm f'*Lourdes Service Station*.

viii. L-attrici xehedet li l-ispejjez tat-tiswija thallsu kollha minn Daniel Schembri; *"Il-hsarat kollha li garrbet il-vettura hallashom kollha hu minn butu. Jien ma hrigt xejn. Kull ma kelli x'naqsam ma' din il-karozza jiena kien illi tajt ismi lil hija biex din il-karozza tkun registrata fuqi. Il-bqija ma kelli assolutament xejn x'naqsam maghha"* (fol. 55). Hu ghalhekk evidenti li l-attrici ma sofriet l-ebda dannu.

10. Maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet il-qorti hi tal-fehma li minkejja l-argumenti tal-attrici, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar mhux bilfors kellu jaghtiha ragun.

11. Ghal dak li jikkoncerna l-appell incidentali li ppoponew il-konvenuti, dan jikkoncerna dik il-parti tas-sentenza li biha t-Tribunal cahad l-ewwel eccezzjoni taghhom li taqra:

*"1. Illi preliminarjament l-intimati ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju stante li ma hemm l-ebda relazzjoni guridika bejn l-intimati u l-attrici"*.

Il-konvenuti jsostnu li:

- Il-fuel inxtara minn Daniel Schembri u mhux mill-attrici;
- Id-danni sofrihom Daniel Schembri u mhux l-attrici;

12. Fir-rigward tal-ewwel eccezzjoni t-Tribunal ghal Talbiet Zghar qal:

*"Fil-fehma tat-Tribunal, l-intimati ma ghandhomx ragun fuq dan il-punt l-ghaliex filwaqt li huwa minnu li Daniel Schembri kien hareg l-ispejjez ghat-tiswija, s-sid legali tal-vettura hija r-rikorrenti. Kien ikun ahjar li Daniel Schembri kien ikun parti f'dawn il-proceduri pero kollox ma kollox, stante li l-vettura li gratilha l-hsara kienet tappartjeni lir-rikorrenti u stante li l-ilment huwa dwar kontaminazzjoni ta' fuel allegatament mibjugh mill-intimati u li minhabba da nil-fuel il-vettura registrata fuq isimha gratilha l-hsara, allura t-*

*Tribunal huwa tal-fehma li hemm ir-rekwiziti necessarji sabiex ir-rikorrenti tkun tista' tipprocedi b'dan il-kaz. Ghalhekk din l-ewwel eccezzjoni tal-intimati sejra tigi michuda".*

13. Fis-sentenza **Focal Maritime Services Company Limited vs Top Hat Company Limited** tad-9 t'April 2008, din il-qorti qalet:

    *"In linea ta' prinċipju ġenerali huwa, bla dubju, indiskuss illi d-deduzzjoni ta' konvenut f'ġudizzju trid, neċessarjament, **titwieled minn rapport ġuridiku, sija jekk dan jemani minn kuntratt, leżjoni ta' dritt minn intervent delittwuż jew akwiljan, ope successionis jew minn sitwazzjonijiet strutturalment komuni (ad eżempju, f'kondominju jew il-krejazzjoni ta' ċerti servitujiet)**. Li jfisser, b'konsegwenza, illi kawża ma tkunx tista' tikkonsegwi l-iskop tagħha jekk mhux fil-konfront ta' dak li miegħu l-attur, għal xi waħda mill-konnessjonijiet aċċennati, għandu relazzjoni ġuridika".*

14. Il-qorti tosserva:

    i. 'Il fatt li l-fuel inxtara minn Daniel Schembri u mhux l-attrici, mhu ta ebda rilevanza. Hu minnu li mill-provi rrizulta li l-vettura kienet tintuza minn Daniel Schembri. Madankollu rrizulta wkoll li l-vettura hi registrata f'isem l-attrici (ara kopja tal-log book a fol. 19). Ghalhekk legalment hi s-sid tal-vettura. Gialadarba d-diesel li nxtara minghand il-konvenuti intefa' fil-vettura tal-attrici, ma jistax jinghad li ma tezistix relazzjoni guridika bejn il-kontendenti.

    ii. 'Il fatt li d-danni hallas ghalihom Daniel Schembri, tnissel pjuttost kwistjoni dwar jekk l-attrici kellhiex interess guridiku li tipproponi l-kawza pjuttost minn materja dwar jekk kienx hemm relazzjoni guridika bejn il-kontendenti.

    Ghaldaqstant, il-qorti hi tal-fehma li t-Tribunal kellu ragun jichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti. Ovvjament dik il-parti tal-appell incidentali li titratta l-kap tal-ispejjez ma tistax tirnexxi peress li hi marbuta mal-aggravju relatat mal-fatt li t-Tribunal cahad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellant, u tichad l-appell incidentali bl-ispejjez kontra l-appellati.**

Anthony Ellul.